MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

It-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-13:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 43.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

43.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 43.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

43.2.1 Is-Sindku qal li rigward Triq Wied il-Merill il-qlib tat-Triq se jiġi b'tali mod li jinfirex l-ilma għal kulħadd pero il-katusi ser isiru ukoll. Is-Sindku qal li wara komunikazzjoni mal-Managaing Authority, ġejna infurmati li dawn mhux ser nieħdu fondi għalihom peress li huma spejjeż konċernati mal-ilma. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jipprovdi l-flus biex isiru dawn il-bżonnijiet.

43.2.2 F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiża għaliex daħal ċittadin li xtaq jagħmel lil Kunsill. Il-ħin kien 13:36.

43.2.3 Il-laqgħa tkompliet fid-13:45am.

43.2.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva ittra, każ no.1, rigward żvilupp fi Triq il-Wileġ. Wara li l-Kunsill ra l-kontenut tal-ittra, il-Kunsill qabel li nibgħatu lil PA dawn l-oġġezzjonijiet:

- *The San Lawrenz Local Council is not in any way against development but given that the available sites within scheme are very limited, it is preferable that any future development is geared towards long term residential dwellings instead of short term let properties.*
- *The San Lawrenz Local Council would like the proposed development to address a shortage of family-oriented dwellings in the locality. Based on the site area there was an opportunity for the development to include several 3-bedroom apartments.*
- *Although the site is not in the Urban Conservation Area of San Lawrenz, The San Lawrenz Local Council believes that the façade does not follow and respect the traditional architecture of the rest of the locality. This should be given consideration especially given that the subject site is just outside the Urban Conservation Area.*

43.2.5 Is-Sindku qal li rigward il-proġett tal-Latrina, talab lil Perit sabiex idaħħal it-tiswija u tisbieħ tal-Bring in Sites u l-area tal-madwar. Il-Kunsill qabel.

43.2.6 Is-Sindku qal li hu flimkien mal-Kunsillier Anthony Formosa pruvaw il-projectors pero m'humiex addatati għall-Pjazza. Il-Kunsill qabel li jagħmel tiżjien mikri bħal tas-sena l-oħra.

43.2.7 Is-Sindku qal li rigward Swejjaq, bl-imwejjed taċ-Ċentru biss, mhux se jkun hemm biżejjed u allura l-aħjar li nagħmlu bħas-soltu u nikru. Hu kompla jgħid li tkun

idea tajba jekk din is-sena nagħmlu talba għall- €10.00 minn għand kull min se jarma stall sabiex inkopru ftit l-ispejjeż.

Is-Sindku semma li ġie infurmat li fil-fuljett 'Milied f'Għawdex', Swejjaq ma issemma imkien li hu sponsorjat mill-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali anke jekk fil-korrispondenza li għaddiet mal-amminstrazzjoni tal-fuljet is-Segretarjat kien imsemmi li ser jikkolabora f'din l-attività. Hu kompla jgħid li bħala Kunsill dejjem enfasizzajna li dan jintwera peress li hekk stipulat fil-MOU.

43.2.8 Is-Sindku qal li fil-lista tat-toroq għall-2019 li ġiet mgħoddija lil Ministeru biex jingħata il-fondi għalihom, għandha tiġi miżjuda l-biċċa minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral li għandha bżonn il-bdil. Is-Sindku ppropna li għandna noħorġu minn issa s-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill qabel ma dawn iż-żewġ proposti.

43.2.9 Is-Sindku qal li l-preżenza tal-pulizija fit-toroq tar-raħal minn żmien għal żmien qed tħalli effett. Għalhekk hu propona li niktbu lis-Supretendent sabiex napprezzaw dan il-ġest u nkomplu nisħqu fuq interventi simili. Hu kompla jgħid li tajjeb li insemmu ukoll s-sitwazzjoni tal-karozzi li jkunu ipparkjati fuq il-bankini. Il-Kunsill qabel.

43.2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li fl-uffiċċju ġew ir-rappreżenanti tal-kumpanija Go To, flimkien ma raprezżentant tat-Transport Malta. Hi kompliet tgħid li ċemplet lis-Sindku sabiex jattendi ukoll peress li dawn ġew bla appuntament. Is-SE qalet li flimkien mas-Sindku iddiskutew l-postijiet addattati għac-charging points tagħhom u kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa ma tħallewx jużaw żewġ parking bays minn tal-pjazza.

43.2.11 Is-SE qalet li irċiviet stima mingħand Joe Grima rigward manutenzjoni tal-Pjazza. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li l-istima għolja wisq u bħala Kunsill m'aħniex f'pożizzjoni li nonfqu daqshekk pero sar qbil li nitolbu stima għall-grouting biss.

43.2.12 Is-SE qalet li irċivejna ċirkulari 12/2018 - Skema Finanzjarju favur il-Komunità - Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports mid-DLG. Il-Kunsill qabel li japplika.

43.2.13 Is-SE ressqet il-formola għall-performance bonus tas-Sinjura Sharon Mizzi, ħaddiema tal-iskema CWSEF fejn proponiet li tieħu l-massimu tal-bonus. Il-Kunsill qabel.

43.2.14 Is-SE qalet li irċivejna emejl mingħand il-Perit ta, każ no.2, fejn qed titlob 'no objection' għall-permess ta' ħanut ta souveners f'boathouse fid-Dwejra. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni dment li;

- jintuża biss l-ispazju li huwa propjeta' tas-sid,
- dejjem jibqa l-aċċess għall-pubbliku fil-parti publika
- u li ġġib il-permessi kollha rikjesta bil-liġi.

43.2.15 Is-SE qalet li irċivejna l-abbozz ta' Bye Laws mingħand Dr. Alfred Grech rigward l-iskart u storbju. Ingħatat kopja lil Kunsilliera kollha sabiex jiġu diskussi jew emendati kif hemm bżonn għall-laqgħa li jmiss.

43.2.16 Is-SE fakkret li għandha ssir laqgħa tal-lokalita' sal-aħħar tas-sena. Il-Kunsill qabel li ssir nhar 28 ta' Diċembru fl-11:45am.

## 43.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

43.3.1 Il-Kunsillier Carmela Grima ġibdet l-attenzjoni li s-siġar ta' fejn il-plots għandhom bżonn iż-żbir. Il-Kunsill qabel.

## 43.4 Dementia Tech

43.4.1 Is-SE ressqet il-proposta tal-app preparata minn Johnatan Micallef. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta u se jibgħat l-punti mqajjma lis- Sur Micallef.

## 43.5 Istrina 2018

43.5.1 Is-Sindku qal li għal din is-sena nistgħu nerġgħu nagħmlu ġabra bħas-sena l-oħra, fejn jinġabru l-envelopes li jkunu inġabru, bieb bieb mill-Kunsilliera. Wara jiġu ippreżentati lil President nhar 23 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel.

## 43.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

43.6.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 43.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

43.7.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:15 u ġiet aġġornata għall-28 ta' Diċembru 2018 fl-12:00.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv